MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 1150/1996/1

**El Dara Limited**

**v.**

**Emanuel Galea**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Lulju 2001, fejn, wara li gew michuda l-eccezzjonijiet kollha ta’ Emanuel Galea (“il-konvenut” u issa “l-appellant”), dik il-

Qorti *inter alia* laqghet l-ewwel talba ta’ El Dara Limited (“is-socjeta` attrici” u issa “is-socjeta` appellata”) u b’hekk ikkundannat lill-konvenut li jhallas l-ammont indikat fic-citazzjoni cioe` dak rapprezentanti zewg skadenzi ta’ kera tal-fond 15 Ghar il-Lembi Street, Sliema, dovuta mill-1 ta’ Jannar 1996, skond il-ftehim ta’ lokazzjoni datat 19 ta’ Lulju, 1990.

2. Is-socjeta` attrici pprezentat ic-citazzjoni taghha quddiem l-ewwel Qorti fil-11 ta’ April 1996, fejn, wara li accennat ghall-imsemmi ftehim tad-19 ta’ Lulju 1990, li kopja tieghu giet esebita bhala Dokument A u tinsab *a fol.* 4 *et seq*. tal-process, hija rrelevat illi dak il-ftehim kien jahseb li l-kera wara l-31 ta’ Dicembru 1995, li sa dak iz-zmien kienet ta’ LM7 kuljum, kellha tizdied bi tlieta fil-mija kull sena ta’ tigdid, l-ewwel zieda ssir dovuta mill-1 ta’ Jannar, 1996. Is-socjeta` attrici ppremettiet ukoll li l-konvenut irrifjuta li jhallas l-ewwel zewg skadenzi ta’ kera bil-quddiem, cioe` dawk li jibdew mill-1 ta’ Jannar 1996, skond il-kera kif hekk kellha tigi awmentata. Premess dan kollu, s-socjeta` attrici talbet li l-ewwel Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ elf tlett mija u hmistax-il lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm1,315.82) kera ta’ zewg skadenzi ta’ tlett xhur bil-quddiem kull wahda, l-ewwel wahda mill-1 ta’ Jannar 1996 sal-31 ta’ Marzu 1996 u t-tieni wahda mill-1 ta’ April 1996 sat-30 ta’ Gunju 1996, u dan ghall-fond fuq imsemmi cioe` 15, Ghar il-Lembi Street, Sliema, flimkien ma’ l-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut. Talbet ukoll li l-konvenut jaghmel l-assigurazzjoni dovuta fit-termini ta’ ’l fuq imsemmi kuntratt, u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss.

3. Il-konvenut ikkontesta l-kawza b’erba’ eccezzjonijiet maghmula minnu, b’zewg noti ta’ eccezzjonijiet. L-ewwel wahda pprezentata fl-1 ta’ Ottubru 1996 (ara *fol.* 12) u t-tieni wahda pprezentata fl-14 ta’ Novembru 1996 (ara *fol.* 16). Bin-nota tal-4 ta’ Ottubru 1996, il-konvenut eccepixxa hekk:
“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-kera dovuta

ai termini tal-ligi dejjem thallset puntwalment permezz ta' cedola ta' depozitu.

2. Illi in kwantu ghat-tieni talba, din ukoll ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li l-fond in lokazzjoni dejjem kien, u ghadu kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Imbaghad bin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-14 ta' Novembru 1996, l-istess konvenut qajjem dawn il-pregudizzjali:
"1. Illi din il-Qorti mhijiex kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' din il-vertenza peress li din il-lokazzjoni llum qeghda fl-istadju tar-rilokazzjoni peress li t-terminu konvenzjonali skada u ghalhekk il-Bord li Jirregola l-Kera huwa l-Bord kompetenti biex jiddeciedi fuq it-talbiet attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-ammont mitlub ma huwiex dovut peress li dan jirraprezenta awment ta' kera mhux regolat mill-Bord li Jirregola l-Kera li huwa l-Awtorita` legali li tirregola awment ta' kera fil-perjodu ta' rilokazzjoni."

4. Jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 1998, (*a fol.* 43) kif ukoll mill-verbal tas-seduta ta' wara cioe` dik tas-7 ta' Lulju 1998 (ara *fol.* 44) il-partijiet qablu, minghajr pregudizzju reciproku, li l-kera li kien gie depozitat b'cedoli ta' depozitu jigi zbankat mis-socjeta` attrici. Ftehmu wkoll li jibqghu jsiru pagamenti ta' l-iskadenzi tal-kera mid-data ta' l-ahhar depozitu sakemm tigi deciza l-kawza finalment, u dan ghandu jsir minghajr pregudizzju ghal xi ammont li jista' jigi determinat mill-Qorti favur is-socjeta` attrici, li l-konvenut eventwalment ikun irid ihallas. Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 1996 (ara *fol. 46*), il-Qorti giet infurmata li l-proceduri dwar l-izbank kienu fil-fatt gew effetwati.

5. Il-provi l-aktar saljenti tal-kawza huma l-ftehim ta' lokazzjoni li diga` ssemma' u li jinsab a *fol. 4* et seq. tal-process, kif ukoll l-*affidavit* ta' Ernest Grech, direttur tas-

socjeta` attrici, u l-affidavit tal-konvenut li jinsabu rispettivament a fol 21 u *a fol*. 29 tal-process. Imbaghad, *a fol.* 52 tal-process hemm nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut li huma s-sottomissjonijiet tieghu unikament dwar l-ewwel eccezzjoni li biha qieghed jeccepixxa li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kenitx kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' din il-vertenza peress li l-lokazzjoni in kwistjoni qeghda fil-perjodu ta' rilokazzjoni u ghalhekk huwa kompetenti l-Bord li Jirregola l-Kera. *A fol.* 56 tal-process hemm in-nota responsiva ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici li biha ressqet dak kollu li kellha xi tghid dwar il-meritu shih tal-kawza.

6. L-ewwel Onorabbli Qorti tat id-decizjoni taghha fis-6 ta' Gunju 2001. Kopja shiha ta' din is-sentenza qeghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza bhala appendici biex tifforma parti integrali minnha, u dan ghall-ahjar intendiment taghha billi hemmhekk jinsabu l-motivazzjonijiet li wasslu lill-Qorti biex tiddeciedi l-kawza kif iddecidietha.

## II L-APPELL

7. Il-konvenut intepona appell minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti. L-aggravji tieghu jistghu jigi sintetizzati hekk:

1. Illi l-ewwel Qorti naqset illi tiddetermina u tiddeciedi dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza taghha. Dik il-Qorti kellha tiddeciedi preliminarjament dwar din l-eccezzjoni u mhux dwar il-meritu. Ghalhekk is-sentenza hija nulla.

2. L-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta argumentat li *non si tratta* ta' rilokazzjoni imma ta' kontinwazzjoni ta' kuntratt liberament u validament iffirmat mill-partijiet. Dak li ddecidiet l-ewwel Qorti jmur kontra l-Artikolu 1526 tal-Kap. 16 tal-Kodici Civili.

3. Illi skond l-ewwel Qorti l-ftehim tal-lokazzjoni in kwistjoni jorbot il-partijiet *ad infinitum* bhala kuntratt uniku. Tali interpretazzjoni ggib fix-xejn il-protezzjoni li jgawdi l-inkwilin skond il-Kap. 69.

4. Illi l-ewwel Qorti kienet anke skorretta dwar il-meritu. Infatti hija ma haditx in konsiderazzjoni li l-konvenut hallas l-ammont mhux kontestat mitlub mis-socjeta` attrici u li l-ammont li kien kontestat kien biss ta' tmienja u tletin lira u tnejn u tletin centezmu u mhux is-somma ta' elf tlett mija u hmistax-il lira u tnejn u tmenin centezmu, kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

Ghalhekk l-appellant talab li s-sentenza appellata moghtija fis-6 ta' Lulju 2001, tigi revokata – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

8. Fir-risposta taghha, is-socjeta` appellata rrispondiet dettaljatament ghall-aggravji mressqa mill-appellant, u sostniet li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbet lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

9. Din il-kawza tikkoncerna kirja ta' fond kummercjali, Numru 15, Ghar il-Lembri Street, Sliema, liema kirja hi regolata bi ftehim ta' lokazzjoni datat 19 ta' Gunju 1990, u li kopja tieghu tinsab *a fol.* 4 *et seq.* tal-process. Skond dan il-ftehim, is-socjeta` appellata tat b'kera l-fond imsemmi lill-appellant b'diversi kundizzjonijiet, l-aktar saljenti fosthom, ghall-fini ta' din il-kawza, huma s-segwenti kundizzjonijiet, li se jigu riprodotti testwalment:

"1. For a period of six (6) months with effect from the 1st July 1990 which shall be automatically renewed for a further period of five (5) years unless the Tenant gives notice in writing to the Landlord of a contrary intention at least one (1) month before the expiry of the covenanted six (6) month period. During the said period of five (5) years and thereafter the Tenant shall have the right to terminate the letting at any time by giving the Landlord three (3) months' written notice.

2. The rent, payable quarterly in advance, shall be:

a. One Maltese Lira (Lm1) per day for the period 1st July 1990 to the 31st December 1990;

b. Six Maltese Lira (Lm6) per day for the period 1st January 1991 to the 30th June 1991;

c. Seven Maltese Liri (Lm7) per day for the period 1st July 1991 to the 31st December 1995;

d. Thereafter, every year throughout the period of the letting, the amount of rent shall be increased by three per cent (3%) on that previously obtaining. Such increase shall first take effect on the 1st January 1996."

10. Jirrizulta li l-kera thallset mill-appellant skond dan il-ftehim sad-data tal-31 ta' Dicembru, 1995. Dak iz-zmien huwa kien qed ihallas rata ta' kera ta' seba' liri kuljum. Is-socjeta` appellata ppretendiet minghand il-konvenut li dan ihallasha ghall-iskadenzi wara l-31 ta' Dicembru 1995, b'rata awmentata ta' tlieta fil-mija aktar. L-appellant irrifjuta li jhallas il-kera awmentata b'dan il-mod u ghalhekk is-socjeta` appellata qeghda tfittex lill-konvenut biex ihallas l-ewwel zewg skadenzi wara din id-data, bir-rata awmentata.

11. L-appellant irrifjuta li jhallas din ir-rata awmentata ta' kera ghaliex kif spjega fl-*affidavit* tieghu *a fol.* 29 tal-process huwa jirritjeni li kull zieda wara l-1 ta' Dicembru 1996, kellha tigi awtorizzata mill-Bord li Jirregola l-Kera, billi l-kera ma setghetx tigi awmentata bi tlieta fil-mija imperpetwu, kif mitlub bil-klawzola 2 (d) tal-kuntratt tal-lokazzjoni in kwistjoni.

12. Jirrizulta li l-appellant beda jiddepozita l-kera li ma kenitx kontestata taht l-Awtorita` tal-Qorti, u li fil-mori tal-kawza l-partijiet ftehmu li dawk l-ammonti jigu zbankati, kif ukoll li l-appellant ikompli jhallas il-kera minghajr l-awment, pero` minghajr pregudizzju ghad-drittijiet reciproki tal-kontendenti. Fil-fatt id-difensur tas-socjeta` appellata informa lill-ewwel Qorti, kif jirrizulta mill-verbal

fis-seduta tas-17 ta’ Novembru 1998 (ara *fol.* 46), li l-proceduri ghall-izbank mic-cedoli kienu gew effetwati.

13. L-ewwel aggravju sollevat mill-appellant jikkonsisti fl-allegazzjoni li s-sentenza appellata hija nulla ghaliex l-ewwel Qorti naqset li tiddetermina u tiddeciedi dwar l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza taghha. L-appellant jghid ukoll li kien jirrizulta car mill-atti processwali, kif ukoll min-noti ta’ osservazzjonijiet maghmula mill-kontendenti, illi l-ewwel Qorti kellha biss tiddeciedi f’dak l-istadju u preliminarjament dwar l-ewwel eccezzjoni dwar l-inkompetenza taghha u mhux dwar il-meritu. Hija haga evidenti li din il-Qorti trid tibda biex tinvestiga u tiddetermina dan l-aggravju fl-ewwel lok ghaliex, fil-kaz ta’ ezitu favorevoli ghall-istess appellant, ma jkunx hemm il-htiega li jigu diskussi u decizi l-aggravji l-ohra li jissemmew qabel u li gew imressqa mill-appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu.

14. Jirrizulta illi fl-14 ta’ Novembru 1996, il-konvenut ressaq eccezzjoni ulterjuri ghall-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti, li kienet tghid hekk:
“Illi din il-Qorti mhix kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ din il-vertenza peress li din il-lokazzjoni llum qeghda fl-istadju tar-rilokazzjoni peress li t-terminu konvenzjonali skada u ghalhekk il-Bord li Jirregola l-Kera huwa l-bord kompetenti biex jiddeciedi fuq it-talbiet attrici.”

15. Jirrizulta li dwar din l-eccezjoni preliminari, il-konvenut ipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fit-8 ta’ Marzu, 2000. F’din in-nota, li tinsab *a fol.* 52 tal-process, il-konvenut irrestringa ruhu ghal din l-eccezzjoni tal-kompetenza biss filwaqt li meta s-socjeta` attrici rrispondiet bin-nota tas-sottomissjoni taghha tas-16 ta’ Mejju 2000, *a fol.* 56 tal-process, hija kopriet it-terren kollu u ferm aktar wiesa’ mill-eccezzjoni preliminari msemmija.

16. Il-konvenut, fl-imsemmija nota ta’ osservazzjonijiet tieghu in sostenn ta’ l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza tal-Qorti, kien spjega li skond il-ftehim lokatizzju, l-perjodu konvenzjonali kien wiehed ta’ sitt xhur u mbaghad il-

lokazzjoni giet renovata tacitament ghal hames snin ohra. Sostna li ghalhekk il-perjodu konvenzjonali ta' kiri kien ta' hames snin u sitt xhur li skadew fil-31 ta' Dicembru, 1995. Argumenta wkoll li wara li ghalaq dan it-terminu konvenzjonali beda jiskatta perjodu ta' rilokazzjoni u f'dak il-perjodu ta' rilokazzjoni kull awment kellu jsir bil-permess tal-Bord tal-Kera. Il-konvenut sostna li la l-kawza odjerna kienet tikkoncerna l-kera tal-perjodu ta' rilokazzjoni allura kien kompetenti li jiehu konjizzjoni taghha il-Bord li Jirregola l-Kera u mhux il-qrati ordinarji.

17. Is-socjeta` attrici argumentat bin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tas-16 ta' Mejju 2000, li l-Qrati ordinarji kellhom kompetenza li jitrattaw il-kawza odjerna. F'dik in-nota hija rrelevat li l-lokazzjoni li bdiet issehh mill-1 ta' Jannar 1996, taht l-istess kundizzjonijiet tal-lokazzjoni originali. Kompliet tghid testwalment hekk:
"Jirrizulta ghalhekk illi ma kienx hemm talba mis-socjeta` attrici ghall-awment tal-kera meta kien ha jsir it-tigdid tal-lokazzjoni. L-awment fil-kera kien gia` previst taht il-kundizzjonijiet tal-kera originali. Ghaldaqstant l-Artikolu 3 ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69) ma japplikax ghall-meritu tal-kawza odjerna peress illi:

(1) l-ewwelnett l-esponenta ma rrifjutatx li ggedded l-kera; u

(2) t-tieni nett hija lanqas ma imponiet kundizzjonijiet godda peress illi t-tigdid sar taht l-istess kundizzjonijiet tal-lokazzjoni originali u l-konvenut inkwilin mill-ewwel gurnata tal-kera kien jaf x'kienu dawn il-kundizzjonijiet;

Minn dan isegwi li l-Bord li Jirregola l-Kera m'ghandux gurisdizzjoni fuq il-mertu ta' dan il-kaz u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt."

18. L-ewwel aggravju ta' l-appellant jista' jigi trattat taht zewg aspetti. Fl-ewwel aspett tieghu, l-appellant jillanja illi kien jirrizulta car mill-atti processwali, kif ukoll min-noti ta' osservazzjonijiet maghmula mill-kontendenti illi l-ewwel

Qorti kellha biss tiddeciedi f'dak l-istadju u preliminarjament dwar l-ewwel eccezzjoni ta' l-inkompetenza taghha u mhux il-meritu.

19. Din il-Qorti, wara li ezaminat sewwa l-atti hi tal-fehma li l-appellant ma ghandux ragun jillamenta taht dan l-ewwel aspett ta' dan l-aggravju tieghu. Infatti, ghalkemm huwa veru li fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, huwa rrestringa ruhu prattikament ghall-eccezzjoni ta' l-inkompetenza minnu sollevata, pero` huwa daqshekk iehor minnu li s-socjeta` attrici, issa appellata kopriet it-terren kollu tal-kawza fin-nota ta' osservazzjonijiet responsiva taghha. Ghandu jigi rilevat li din in-nota giet debitament notifikata lill-abbli difensuri tal-konvenut fit-22 ta' Mejju, 2000 (ara riferta fol. 60 *tergo*). Jirrizulta wkoll mill-verbal ta' l-ewwel Qorti li dik il-Qorti qatt ma halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ta' l-inkompetenza biss kif, qieghed jallega l-appellant, izda *invec*e dejjem nghad li l-kawza qeghda tithalla ghas-sentenza. L-ewwel Qorti setghet ghazlet li tiddeciedi l-kawza *in parte* u cioe` taghti decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari ta' l-inkompetenza biss izda setghet ukoll validament titratta l-kawza kollha u tieqaf li titratta l-mertu fil-kaz illi ssib li din l-eccezzjoni preliminari kienet gustifikata. Jidher car li l-ewwel Qorti ghazlet it-tieni triq, salv dak li se jinghad aktar 'il quddiem, u ddecidiet l-meritu.

20. Hawnhekk nigu ghat-tieni aspett ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant li bih qieghed jissolleva n-nullita` tas-sentenza appellata ghaliex l-ewwel Qorti naqset li tiddetermina u tiddeciedi dwar l-eccezzjoni preliminari ta' l-inkompetenza taghha. Permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenut kien qieghed isostni li l-lokazzjoni kurrenti kienet qeghda fl-istadju tar-rilokazzjoni, peress li t-terminu konvenzjonali ta' hames snin u nofs kien skada, u ghalhekk il-Bord li Jirregola l-Kera kien it-tribunal kompetenti biex jiddeciedi fuq it-talbiet tas-socjeta` attrici. B'dan l-aggravju tieghu l-appellant qieghed jallega li s-sentenza appellata hija nulla ghaliex l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi debitament din l-eccezzjoni, kif kien dover taghha li taghmel.

21. Is-socjeta` appellata, min-naha l-ohra ghamlet riferenza ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti rriteniet li:
"….mir-rizultanzi processwali ma jidhirx li hawn si tratta ta' rilokazzjoni imma biss il-kontinwazzjoni ta' kuntratt liberament u validament iffirmat mill-partijiet."

Is-socjeta` appellata sostniet illi b'dan l-argument l-ewwel Qorti kienet qeghda tiddeciedi l-imsemmija eccezzjoni ta' l-inkompetenza ghax ladarba ddecidiet li ma kienx hemm rilokazzjoni, hija bhala qorti ordinarja kellha l-gurisdizzjoni li tkompli tisma' u finalment tiddeciedi l-mertu tal-kawza odjerna, kif fil-fatt ghamlet permezz tas-sentenza appellata. Is-socjeta` appellata sostniet ukoll li l-ewwel Qorti ddecidiet din l-eccezzjoni ghaliex fil-parti konkluziva tas-sentenza appellata, dik il-Qorti kkonkludiet hekk:
"….tichad l-eccezzjonijiet originali u dawk ulterjuri tal-konvenut;

Tilqa' l-ewwel Talba kif dedotta fic-citazzjoni ….."

22. Minn ezami akkurat ta' l-atti tal-kawza jidher bic-car li l-konvenut u issa l-appellant fl-ebda stadju tal-kawza qatt ma rrinunzja ghal din l-eccezzjoni li permezz taghha huwa kien qieghed jikkonesta direttament il-kompetenza ta' l-ewwel Qorti. Jirrizulta sodisfacentement ghal din il-Qorti li ghalkemm l-ewwel Qorti tat id-decizjoni taghha dwar id-diversi punti li tqajmu fil-kawza odjerna, madankollu hija baqghet ma kkunsidratx specifikatament u ghalhekk ma tat l-ebda decizjoni verament motivata dwar din l-eccezzjoni preliminari. Fi kliem iehor is-sentenza appellata ma fiha ebda ezami specifiku ta' din l-eccezzjoni preliminari kif ukoll l-ebda motivazzjoni, verament diretta u specifika, li twassal ghac-cahda debita taghha.

23. M'hemmx dubju li s-sentenza appellata ezaminat it-tieni eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut cioe` dik li biha huwa allega li l-ammont mitlub ma huwiex dovut peress li dan jirrapprezenta awment ta' kera mhux regolat mill-Bord li

Jirregola l-Kera, li huwa l-awtorita` legali li tirregola l-awment ta' kera fil-perjodu ta' rilokazzjoni. Madankollu, jidher car ghal din il-Qorti li l-eccezzjoni preliminari ta' l-inkompetenza tal-Qorti giet prattikament injorata mill-ewwel Qorti. Dan in-nuqqas jaghti lok ghal dikjarazzjoni ta' nullita` tas-sentenza appellata u dan ghaliex eccezzjoni importanti bhal dik ma setghetx tigi prattikament semplicement injorata izda kellha tigi deciza f'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu u dan skond ma jiddisponi l-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:
"L-eccezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illegittimita` ta' persuna ….. ghandhom jigu decizi b'kapi ghalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu."

La l-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ma hemm l-ebda lok li hija tkompli tindaga dwar l-aggravji l-ohra ta' l-appellant.

25. Ghal dawn il-motivi prevja li tilqa' l-appell tal-konvenut fis-sens fuq imsemmi, tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex il-kawza tigi deciza skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi jkun gust li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez u ghalhekk tordna li l-ispejjez inkorsi sa issa jibqghu bla taxxa bejn iz-zewg kontendenti.

Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja shiha tas-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-6 ta’ Lulju 2001, qeghda tigi annessa ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------